# DAWRA KULTURALI MAL-PORT IL-KBIR (21)



JOSEPH SERRACINO



Inkomplu għaddejjin bil-mixja tagħna madwar is-siti storiċi fil-Port il-Kbir, u issa wara d-daħla tagħna fil-belt Senglea, nibda biex nagħti ħarsa tas-siti storiċi li tħaddan fiha din il-belt marittima li nbniet fiż-żmien il-kavallieri u li ssemmiet għall-Gran Mastru Claude de la Sengle.

## IL-FORTI SAN MIKIEL

Id-dehra tal-Arloġġ tat-Tarzna u l-iskola primarja tal-gvern tfakkarna fil-Forti San Mikiel li proprju ġiet mibnija fuq is-sit tiegħu meta dan twaqqa' fl-1922. Ironikament kultant niltaqa' ma' gwidi tat-turisti li sfortunatament, aktarx minħabba nuqqas ta' informazzjoni storika, jiżbaljaw dwar ċerti siti storiċi, li minn jaf kemm qraw dwarhom u kemm semgħu stejjer fuqhom. Snin ilu ltqajt ma' ġemgħa turisti quddiem il-knisja tal-Isla, u l-gwida (Malti) beda jkellimhom dwar l-Assedju l-Kbir u t-taqtigħat ħorox li saru fuq il-Forti San Mikiel, meta f'ħin minnhom tahom x'jifhmu li l-Forti San Mikiel kien nibni fil-Ponta tal-Isla – proprju fejn hemm il-Ġnien tal-Gardjola. Ovvjament jien ħassejt li kelli nkellmu! Sakemm it-turisti daħlu fil-knisja, ersaqt fuqu u ġibt il-kliem fuq il-Forti San Mikiel. Hawnhekk intbaħt li tfixkel għax ġie fid-dubju! Urejtu l-Arloġġ tat-Tarzna, u għedtlu li l-bażi tal-arloġġ li kien inbena fl-1907, kienet l-unika parti li fadal mill-Forti San Mikiel.

Fil-fatt, dan hu l-għan tiegħi li qiegħed nikteb din is-sensiela ta' artikli dwar is-siti storiċi li nsibu fil-Port il-Kbir, biex sempliċiment ikunu ta' għajnuna u ta' siewi għal dawk il-gwidi li ta' spiss iġibu ġemgħat ta' turisti fil-bliet tal-Kottonera. U la semmejt il-Forti San Mikiel, tajjeb li ngħid xi ħaġa dwaru.

M'hemmx l-iċken dubju, li f'kull volum li nkiteb dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565 u t-taqbid aħrax u mdemmi li sar matulu, il-Forti San Mikiel jissemma' b'ġieħ kbir. Fuq is-swar ta' dan il-Forti u fuq is-swar li jdawru l-Belt Senglea saru taqtigħat feroċi, fejn għal jiem sħaħ, lejl u nhar dawn is-swar ġew assaltati bi ħruxija kbira miż-żewġ batteriji kbar ta' kanuni ppustati fuq Kordin u fuq San Ġwann t'Għawxa.

Kemm tabilħaqq kien kbir dan l-assedju, mhux biss nistgħu naqrawh f'kull ktieb li nkiteb dwaru mill-istoriċi tal-Ordni, li xi wħud minnhom jirrakkontaw fid-dettall jum wara l-ieħor it-taqbid qalil u mdemmi li sar bejn it-Torok u l-Insara bejn it-19 ta' Mejju 1565 (l-għada tal-iżbark tat-Torok f'Marsaxlokk) sat-tluq tagħhom nhar it-8 ta' Settembru, iżda wkoll f'diversi kitbiet u studji serji oħra li saru wara minn bosta kittieba li rriċerkaw kull tagħrif li sabu mhux biss fl-arkivji tal-Ordni li għandna fil-Biblioteka tagħna, iżda wkoll minn riċerki intensi oħrajn li saru minn storiċi u studjużi Maltin u barranin f'arkivji f'Biblioteki oħra barra minn xtutna, b'mod speċjali fl-Italja, Spanja, Franza u fit-Turkija.

Kien il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536-53) li bena l-Forti San Mikiel fuq il-pjanta tal-inġinier tal-Ordni, l-Ispanjol Pedro Pardo, faċċata ta' Burmula ( Bormla) fuq l-Għolja ta' San Ġiljan kif kienet magħrufa l-Isla f'dak iż-żmien. Bnieh fl-ogħla parti biex waqt li jħares it-tarzna u l-flotta tal-Ordni li kienet issorġi fil-ġewwieni ta' Daħlet ix-'Xwieni' (illum id-*Dockyard*), iħares ukoll daħlet il-Franċiżi minn xi attakk għal għarrieda li seta' jsir mill-furbani min-naħat ta' Kordin. L-istandard tal-Ordni ttella' għall-ewwel darba fuq dan il-Forti (ovvjament għalhekk ġie msemmi San Mikiel) nhar it-8 ta' Mejju 1553, f'jum il-Festa ta' San Mikiel l-Arkanġlu li antikament kienet tiġi ċċelebrata f'dan il-jum.

Wara l-mewt tal-Gran Mastru d'Homedes laħaq prinċep ta' Malta l-Franċiż Claude de la Sengle (1553 – 1557). Bla telf ta' żmien, dan il-Gran Mastru beda jiffortifika dan l-ilsien art fuq in-naħa li tagħti għal Kordin, u wara kompla jagħlaq bi swar in-naħat tal-Ponta u taħt il-Forti San Mikiel b'katina ta' swar mill-isbaħ, bil-bieb ewlieni tas-swar (mhux dak li naraw illum – Bieb Sant' Anna) iżda dak ta' Porta San Gejtanu – li meta nbena kien ftit metri 'l ġewwa mill-mina eżistenti tal-Maċina (faċċata tax-xatt ta' Bormla), u li kien jispara dritt għal ġo Triq San Ġużepp fejn illum insibu l-uffiċini tal-Kunsill Lokali.

Kien proprju fl-1554 li din il-belt ġdida (wara l-Birgu) ingħatat it-titlu ta' Citta Senglea għall-Gran Mastru Claude de la Sengle, u għalhekk dan il-promontorju, li fl-imgħoddi kien magħruf b'ħafna ismijiet bħal l-Isla, l-Għolja ta' San Ġiljan, l-Għolja tal-Imtieħen, issa sar belt, ingħata isem ġdid u beda jissejjaħ Senglea. Ironikament dan il-Gran Mastru, li ħabb ħafna lill-poplu Malti u li tant kellu għal qalbu lill-Isla, miet qabel ma laħaq qata' xewqtu u ra l-belt tiegħu lesta u ffortifikata tajjeb. It-tkomplija tax-xogħol fuq is-swar ta' din il-belt komplihom u temmhom il-Gran Mastru li sar warajh, Jean de la Valette (1537– 68). Kif nafu, wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, il-Gran Mastru la Valette onora lil din il-belt ġdida Senglea bit-titlu ta' Urbs Invicta – belt mhix mirbuħa.

L-istoriċi jfakkruna f'diversi attakki ħorox li saru fuq il-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla, iżda kien hemm diversi jiem oħra meta t-Torok ibbumbardjaw is-swar għal sigħat sħaħ u ma attakkawhomx. Iżda kull meta attakkaw, it-taqtigħat kienu ħorox u ta' qilla kbira. Fil-fatt jissemmew diversi dati matul ix-xahar ta' Awwissu li fihom it-Torok attakkaw is-swar tal-Isla b'eluf kbar ta' suldati bit-tama li jirbħuha, iżda kull attentat li għamlu sfuma fix-xejn għax sabu lill-kavallieri u l-Maltin lesti għalihom, u determinati li ma jħallu l-ebda Tork wieħed jaqbeż is-swar u jibqa' ħaj.

Aħna u nitkellmu dwar il-Forti San Mikiel, tajjeb li f'din il-kitba ninkludi silta qasira li tagħtina ħjiel tal-attakki ħorox u feroċi li t-Torok wettqu fuq il-Forti San Mikiel. Kif nafu, wieħed mill-aktar attakki ħorox li saru fuq il-Forti San Mikiel, u li fih kienet intweriet il-qilla tat-Torok u l-qlubija tal-kavallieri u l-Maltin, kien fit-2 ta' Awwissu, meta t-Torok attakkaw lill-Posta tal-Kavallier Robles u tal-Kavallier Ruffo li kienu jagħtu għal Bormla. F'dan l-attakk it-Torok attakkaw is-swar b'qawwa kbira ta' 6,000 suldat – il-biċċa kbira minnhom Ġannizzari taħt il-kmand ta' Mustafa.

F'din il-battalja li ħadet aktar minn ħames sigħat rat lis-suldati Torok b'qilla kbira jixxabbtu bis-slielem u jippruvaw jitilgħu fuq is-swar, bis-suldati Maltin u l-kavallieri jitqabdu sider ma' sider u jitfgħuhom għall-isfel. Kien proprju f'dan l-assalt feroċi li t-Torok kien irnexxielhom jitilgħu fuq is-sur u jwaħħlu l-istandard tagħhom fuq il-quċċata tal-Forti, iżda kif il-Maltin intebħu x'ġara, ġrew għal fuqhom, u wara taqtiegħa mdemmija, mhux biss irnexxielhom iniżżlu l-istandard Tork minn fuq is-swar iżda saħansitra qatlu ħafna minnhom u rebħu mill-ġdid il-forti. F'dan l-attakk kienu mietu diversi kavallieri fosthom Don Carlo Ruffo li ġie milqut minn balla ta' kanun...

*tkompli f'ħarġa oħra*